Partijiet interessati jistgħu jitolbu dettalji permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.scsa@gov.mt) jew iniżżlu d-deskrizzjoni tax-xogħol minn (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet għall-applikazzjonijiet hija nhar l-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2026, f'nofsinhar. Sottomissjonijiet li jaslu wara din id-data ma jkunux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Settembru, 2026

SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

The Social Care Standards Authority has the following vacancy:

Post of Junior Professional Officer as per Jobsplus permit number 293/2025.

Interested parties may request details by sending an email to (recruitment.scsa@gov.mt) or download the Job Description from (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

The deadline for the submission of applications is Friday, 18th September, 2026, at noon. Late submissions will not be accepted.

7th September, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Nikru Biex Nassistu

B'referenza għall-Iskema Nikru Biex Nassistu ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Settembru, 2017, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel is-segwenti emendi:

Temenda Klawsola 6 subklawsola 9 (f) biex taqra kif ġej:

(f) dikjarazzjoni bil-ġurament (affidavit) li tindika li l-applikant huwa s-sid tal-proprjetà li qed tiġi offruta. Din id-dikjarazzjoni trid tiġi ffirmata minn nutar jew avukat.

Is-7 ta' Settembru, 2026

HOUSING AUTHORITY

Scheme Nikru Biex Nassistu

With reference to Scheme Nikru Biex Nassistu published in the Government Gazette of the 1st September, 2017, the Housing Authority wishes to effect the following amendments:

Emend Clause 6 sub-clause 9(f) to read as follows:

(f) a sworn declaration indicating that the applicant is the owner of the property being offered. This Affidavit is to be signed by a notary or lawyer.

7th September, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sa nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2026, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4161 bejn id-9.30 a.m. u s-2.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by Friday, 11th September, 2026, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4161 between 9.30 a.m, and 2.30 p.m., or by email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Scooter	M7359	Iswed	25702/00447359	Tas-Sliema
Ford	Focus	Blu	GBI278	Birżebbuġa
Scooter	N/A	Iswed	2008-02	Birżebbuġa
Scooter	N/A	Iswed	1808-01	Tas-Sliema
Ford	Focus	Griż/blu	GBN235	Ix-Xgħajra
Fiat	Punto	Blu ċar	EBF729	Il-Mosta
Mercedes	N/A	Iswed	DB533MT	Burmarrad
Jaguar	F Type	Griż	FN69CXF	Tas-Sliema
Scooter	N/A	Iswed	PARA202502000692LG	Il-Gżira
Toyota	Yaris	Iswed	GBS518	Paola
Mi Scooter	N/A	Iswed	169JJ204R14371	Tas-Sliema
Navee	V25 Pro2	Iswed	TZ045546101593508	Il-Gżira
Honda	SH300i	Iswed	ZDCNF02COBF213962	Tas-Sliema

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Scooter	N/A	Iswed	A01RG200BFM2AD479	Il-Gżira
Mi Scooter	N/A	Iswed	25702/00558086	Burmarrad
Honda	N/A	Iswed	GCM778	Paola
Kukurin	G4	Iswed	A01RG400BEMMBC032	Paola
Scooter	N/A	Iswed	1908-15	San Ġiljan
Navee	GT3-E	Iswed	G3T3515E003686	Tas-Sliema
Scooter	N/A	Iswed	2308-10	Il-Marsa
Scooter	N/A	Iswed	FDG3R053828	Birżebbuġa
Nissan	Qashqai	Iswed	SJNFCAJ10U1299786	Birżebbuġa
Toyota	Vitz	Abjad	GCP791	Il-Mosta
Scooter	N/A	Iswed	1908-13	San Ġiljan
Scooter	Xiaomi	Iswed	DDHBC11NEB	L-Imsida
Scooter	BHR8044NE	Iswed	4L2GNE52800213	Birkirkirkara
Scooter	Xiaomi	Iswed	T201847D0100904508	Ħ'Attard
Scooter	Segway	Iswed	M56K5215710766	Tas-Sliema
BMW	100	Kanella	FBW353	Santa Venera
Scooter	Navee	Iswed	2608-CU02	Tas-Sliema
Scooter	M365	Iswed	2608-CU04	San Ġiljan
Scooter	Xiaomi	Iswed	2608-CU06	Birkirkara
Scooter	Xiaomi	Iswed	2608-CU05	Is-Swieqi
Wegaboard	N/A	Iswed	2708-CU01	Tas-Sliema
Scooter	Xiaomi	Iswed	4L2GNE52800164	San Ġiljan
Scooter	Segway	Iswed	N5GWD2222L0438	Il-Gżira
Scooter	N/A	Iswed	2808-01	Il-Marsa
Scooter	Kukurin G2 Master	Iswed	A01FG2MRBFX405740	San Ġiljan
Scooter	Mi	Iswed	26354/00439077	Tas-Sliema
Ford	Transit	Abjad	ICF261	Iż-Żurrieq
Toyota	Duet	Champagne	GBE447	L-Iklin
Scooter	N/A	Iswed	2808-CU02	Tas-Sliema
Scooter	N/A	Iswed	3008-01	Il-Manikata
Scooter	Navee	Iswed	3108-CU01	San Ġiljan
Toyota	Dyna	Abjad	HCE598	Il-Gżira
Scooter	Xiaomi	Iswed	CU-B01-01/09/2026	San Ġiljan
Fiat	Punto	Kulur il-fidda	IBN538YK	Ħ'Attard
Fiat	Ducato	Abjad	HCH147	Ħal Luqa

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2288

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-10 ta' April, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika fil-konfront ta' Mohammed A.M. Elkoghali skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, ippreżentat Talba, fis-17 ta' Marzu, 2026, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mohammed A. M. Elkioghali (KI 0111579A) ta' Davpol, Flat 2, Triq il-Mensija, San Ġwann, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,285.68, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 62/2026CL) hija differita għat-30 ta' Settembru, 2026, fis-1.00p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 10th April, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Mohammed A.M. Elkoghali.

Elmo Insurance Limited (C3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, filed a Claim on the 17th Marzu, 2025, whereby they asked the Tribunal to condemn Mohammed A. M. Elkioghali (ID 0111579A) of Davpol, Flat 2, Triq il-Mensija, San Ġwann, to pay the plaintiff company the sum of €4,285.68, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 62/2025CL) is deferred on the 30th September, 2026, at 1.00p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2289

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Awwissu, 2026, fuq rikors ta' Catherine Debono (KI 105459M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, l-1 ta' Diċembru, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-garaxx f'livell semi-basement, mingħajr l-arja tiegħu u li jinkludi l-art ta' taħtu, sottopost għall-beni ta' terzi u jifforma parti minn kumpless ikbar ta' bini, bin-numru tlieta (3), aċċessibbli minn rampa fi Sqaq iż-Żabra, ġja Sqaq numru wieħed (1), fi Triq il-Kbira, L-Imġarr, konfinanti mill-Punent mal-isqaq imsemmi, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' beni ta' Gio Maria Galea u Maria Galea jew is-suċċessuri tagħhom, kif suġġett għas-servitujiet attivi u passivi derivanti mill-pożizzjoni tiegħu, mill-katusi li għaddejjin minnu u mill-fossa li tinsab taħt, mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat id-disgħa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija, disgħa u disgħin (29.11.1999).

L-imsemmi garaxx huwa proprjetà f'ishma ndaqs ta' Catherine Bezzina sive Bezzina Debono (KI 105459M) u George Bezzina (KI 391757M).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 26th August, 2026, on the application of Catherine Debono (ID 105459M), Tuesday, 1st December, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, nearby the Archives, Level -1 Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The garage at semi-basement level, without its airspace and including the underground soil, underlying third parties properties and forming part of a larger complex of buildings, numbered three (3), accessible by a ramp in Sqaq iż-Żabra, gia Sqaq numru wieħed (1), in Triq il-Kbira, Mġarr, bounded on the west by the said alley, on the north and on the south by property of Gio Maria Galea and Maria Galea or their successors in title, as subject to the active and passive servitudes arising from its position, the pipes passing through it and the underlying pit, otherwise free and unencumbered with all its right and appurtenances and this as better described in the acts of Notary Anthony Abela dated twenty ninth of November of the year one thousand, nine hundred and ninety nine (29.11.1999).

The said garage is the property in equal shares of Catherine Debono (ID105459M) and Geoge Bezzina (ID 391757M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 64/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 64/2023.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 3rd September 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2290

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet James Gatt vs Daniel Bugeja, Rikors numru 101/2026CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Daniel Bugeja a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet James Gatt (KI 89675M) vs Daniel Bugeja (KI 19481G) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-18 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti James Gatt (KI 89675M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddeċiedi dan ir-rikors guramentat bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' dak li hemm dispost fl-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddeċiedi u jiddikjara li l-kirja tal-fond Bramhall, Flt 1, Triq is-Sajjieda, Ix-Xlendi, Għawdex, ġiet xolta skont il-liġi;

3. Jawtorizza l-attur jieħu lura l-pussess tal-fond filwaqt li jordna l-iżgumbrament tal-intimat fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss;

4. Jiddeċiedi u jikkundanna lill-intimat iħallas somma li tiġi likwidata minn dan il-Bord rappreżentanti l-arretrati tal-kera sad-data ta' żgumbrament effettiv flimkien mal-interessi bir-rata ta' 8% fuq kull skadenza mid-data ta' meta għalqet sad-data tal-pagament effettiv;

5. Jiddeċiedi u jikkundanna lill-intimat iħallas somma li tiġi likwidata minn dan il-Bord rappreżentanti l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma sad-data ta' żgumbrament effettiv flimkien mal-interessi bir-rata ta' 8% fuq kull kont mid-data ta' meta għalqet sad-data ta' pagament effettiv.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: 6, Saviour Court, PH 4, Triq is-Sejjieħ, In-Naxxar

By means of a decree of the 19th June, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names James Gatt vs Daniel Bugeja, Application number 101/2026CZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Daniel Bugeja in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names James Gatt (ID 89675M) vs Daniel Bugeja (ID 19481G), filed in the Rent Regulation Board, on the 18th March, 2026, the applicant James Gatt (ID 89675M) requested this Honourable Board why it should not:

1.To decide this Sworn application without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Decides and declares that the lease of the premises Bramhall, Flt 1, Triq is-Sajjieda, Xlendi, Gozo, has been dissolved according to law;

3. Authorises the plaintiff to take back the possession of the premises whilst ordering the eviction of the respondent within a short and peremptory period which shall be fixed to him;

4. Decides and condemns the respondent to pay a sum which shall be liquidated by this Board representing the arrears of rent till the date of effective eviction together with interest at the rate of 8% on each instalment from the date when it lapsed till the date of effective payment;

5. To decide and condemn the respondent to pay a sum which shall be liquidated by this Board representing the arrears of water and electricity bills till the date of effective eviction together with interest at the rate of 8% on each bill from the date when it lapsed till the date of effective payment.

With costs

Applicants: 6, Saviour Court, PH 4, Triq is-Sejjieħ, Naxxar

Notifika: Bramhall, Flt 1, Triq is-Sajjieda, Ix-Xlendi, Għawdex

Ir-rikors fl-ismijiet James Gatt vs Daniel Bugeja, Rikors numru 101/2026CZ, jinsab differit għad-29 ta' Settembru, 2026, fl-11.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Settembru, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Bramhall, Flt 1, Triq is-Sajjieda, Xlendi, Gozo

The application in the names James Gatt vs Daniel Bugeja, Application number 101/2026CZ, has been postponed for hearing to the 29th September, 2026, at 11.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2291

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2025, fuq talba ta' Anthony Borg et ġie ordnat, sabiex jiġu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw liċ-ċenswalist/i fl-atti taċ-ċedola numru 1324/2025, fl-ismijiet Anthony Borg et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1324/2025 fl-ismijiet Anthony Borg (KI 0358769M), miżżewweġ, self-employed, iben Stanislao Borg u Rita Borg née Calleja imwieled Tal-Pietà nhar it-28 ta' Lulju, 1969, u residenti 171, Triq Parades, San Pawl il-Baħar, u martu Simone Borg (KI 0385072M) miżżewġa, impjegata, bint Paul Micallef, imwielda Tal-Pietà nhar il-5 ta' Settembru, 1972, u residenti 171, Triq Parades, San Pawl il-Baħar, vs Kuraturi Deputati, ippreżentata fil-Prim'Awla ta-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2025, fejn Anthony Borg (KI 0358769M) u Simone Borg (KI 0385072M) jesponu bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Frar tas-sena 2025, fl-atti tan-Nutar Dott. Rosella Sciberras, l-esponenti akkwistaw il-proprjetà bin-numru 170, fi Triq Parades, San Pawl il-Baħar, inkluži l-bir u bitħa retroposta għall-istess terran, inkluż ukoll is-sottoswol tiegħu, bis-sistema tad-drains u tad-drenaġġ komuni mal-fond ta' fuqu, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2.38) pagabbli lill-Awtorità tal-Artijiet u għas-subċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2.38) pagabbli lil Nazzareno Muscat, George Sant u Giuseppe Zarb jew l-eredi tagħhom;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija mil-liġi billi jifdu dan is-subċens perpetwu a tenur tal-Artikolu 1501 tal-Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili);

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 1st July, 2025, following a request of Anthony Borg et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the emphyteuta/ae in the acts of the schedule of deposit number 1324/2025, in the names Anthony Borg et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1324/2025 of Anthony Borg (ID 0358769M), married, self-employed, son of Stanislao Borg and Rita Borg née Calleja born in Tal-Pietà, on 28th July, 1969, and residing at 171, Triq Parades, St Paul's Bay, and his wife Simone Borg (ID 0385072M) married, employed, daughter of Paul Micallef, born in Tal-Pietà on 5th September, 1972, and residing at 171, Triq Parades, St Paul's Bay, vs Deputy Curators, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 25th June, 2025, whereby Anthony Borg (ID 0358769M) and Simone Borg (ID 0385072M) respectfully submitted:

That by means of a contract of the 26th February of the year 2025, in the records of Notary Dr Rosella Sciberras, the applicants acquired the property with number 170, in Triq Parades, St Paul's Bay, including the well and backyard for the same tenemant, including also its subsoil, with the drains and drainage system common with the overlying premises, subject to the annual and perpetual groundrent of two euro and thirty eight cents (€2.38) payable to the Lands Authority and of the annual and perpetual sub-groundrent of two euro and thirty eight cents (€2.38) payable to Nazzareno Muscat, George Sant and Giuseppe Zarb or their heirs;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by law by redeeming this perpetual subgroundrent in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta (Civil Code);

Illi l-ammont ta' żewġ ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2.38) kapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija, kif stipulat fl-istess jiġi jammonta għal sebgħa u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€47.60);

Illi minbarra is-su espost, l-esponenti qegħdin ukoll għal kull bon fini jiddepożitaw l-aħħar ħames (5) snin taċ-ċens li jammontaw għal ħdax-il ewro u disgħin ċenteżmu (€11.90).

Għaldaqstant, l-esponenti qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożita s-somma komplessiva ta' disgħa u ħamsin ewro u ħamsin ċenteżmu (€59.50) fidi tal-imsemmi subċens flimkien ma' depożitu tal-aħħar ħames snin taċ-ċens, biex tingħata libertament lill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta.

Mittenti: 171, Triq Parades, San Pawl il-Baħar

Notifiki: Kuraturi, Il-Qorti, Il-Belt Valletta
Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Reġistru tal-Artijiet, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum l-1 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the amount of two euro and thirty eight cents (€2.38) capitalised at the rate of five per cent, as stipulated in the same shall amount to forty seven euro and sixty cents (€47.60);

That apart from the above, the applicants are also for all intents and purposes depositing the last five (5) years of groundrent, which amount to eleven euro and ninety cents (€11.90).

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the total amount of fifty nine euro and fifty cents (€59.50) as redemption of the said subgroundrent together with deposit of the last five years of groundrent, to be freely given to the respondents after leaving the due receipt.

Applicants: 171, Triq Parades, St Paul's Bay

Notifications: Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta
Director Public Registry, Valletta
Land Registry, Triq il-Punent, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Aaron Bugeja, LLD Doctor of Laws.

Today 1st July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2292

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fil-15 ta' April, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 564/2024MH, fl-ismijiet: Frank Zammit vs it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 15th April, 2026, in the records of the Sworn application number 564/2024MH, in the names: Frank Zammit vs the Environment and Planning review Tribunal et, the following publication was ordered, in

et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Frank Zammit (KI 456383M) vs it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Avukat tal-Istat u b'digriet tas-27 ta' Ġunju, 2025, ġew kjamati in-kawża Amanda Muscat (KI 65187M), Arnold Mercieca (KI 297789M), Chanelle Agius (KI 194295M), Claven Schembri (KI 18892M), Donna Agius (KI194395M), Elton John Caruana (KI 572891M), George Mercieca (KI 23384M), Jacqueline Mercieca, Jesmar Scicluna (KI 92799M), Johann Mercieca (KI 225885M), Louanne Mercieca (KI 266094M), Marie Rose Grech (KI 810660M), Mellissa Muscat (KI 299785M), NEROS Car Rentals Malta Ltd (C94879), NEROS Car Rentals Malta Ltd (Attnt. Diane Calleja) (KI 505777M), Peter Muscat (KI 530764M), Rita Ciminiotta (KI 496757M), Roderic Tanti (KI 336168M), Shawn Muscat (KI 503396M), Pedro Cassar (KI 277283M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-11 ta' Diċembru, 2024, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, li r-rikorrenti sofra vjolazzjoni tal-Artiklu 39 (2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll leżjoni tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) li jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti, liema dritt huwa wkoll garantit taħt it-Titolu 6 (Artiklu 47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

2. Tiddkjara li kienu u għadhom qegħdin jiġu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu, in vjolazzjoni tal-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tordna lill-intimati sabiex jipprovdu rimedji xierqa sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mill-esponent a kawża tad-dewmien esaġerat tat-Tribunal, tan-nuqqas ta' smigħ xieraq fl-appelli deċiżi mit-Tribunal, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' rimedju effettiv;

4. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent u għall-kumpens dovut in konsegwenza tal-liġijiet viġenti;

5. Tillikwida l-istess danni u kumpens pagabbli lir-rikorrent;

6. Tikkundanna lill-intimati jħallsu kumpens għad-danni likwidati;

7. Tagħti dawk il-provedimenti li jidhrulha li huma xierqa u ġusti.

terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Frank Zammit (ID 456383M) vs the Environment and Planning review Tribunal and the Planning Authority and the State Advocate and by decree of the 27th June, 2025, Amanda Muscat (ID 65187M), Arnold Mercieca (ID 297789M), Chanelle Agius (ID 194295M), Claven Schembri (ID 18892M), Donna Agius (KI No194395M), Elton John Caruana (ID 572891M), George Mercieca (ID 23384M), Jacqueline Mercieca, Jesmar Scicluna (ID 92799M), Johann Mercieca (ID 225885M), Louanne Mercieca (ID 266094M), Marie Rose Grech (ID 810660M), Mellissa Muscat (ID 299785M), NEROS car rentals Malta Ltd (C94879), NEROS car rentals Malta Ltd (Attnt. Diane Calleja) (ID 505777M), Peter Muscat (ID 530764M), Rita Ciminiotta (ID 496757M), RODERIC Tanti (ID 336168M), Shawn Muscat (ID 503396M), Pedro Cassar (ID 277283M) filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 11th December, 2024, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Declare that for the reasons above exposed, the applicant suffered a violation of Article 39 (2) of the Constitution as well as a violation of Article 6 (1) of the European Convention for Human Rights (Cap. 319) which guarantees the right to a fair hearing by an independent tribunal, which right is also guaranteed under Title 6 (Article 47) of the Charter of Fundamental Rights of the European Union;

2. Declare that the applicant's rights to the enjoyment of his property were and are still being violated, in violation of Article 37 of the Constitution and Article 1 of the First Protocol of the European Convention for Human Rights;

3. Order the respondents to provide adequate remedies to make good the damages suffered by the interpellant due to the exaggerated delay of the Tribunal, the lack of a fair hearing in the appeals decided by the Tribunal, as well as due to the lack of an effective remedy;

4. Declare that the respondents are responsible for the damages suffered by the applicant and for the compensation due as a consequence of the laws in force;

5. Liquidate the same damages and compensation payable to the applicant;

6. Condemn the respondents to pay compensation for the damages liquidated;

7. Give such provisions as it thinks fit and fair.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata mir-rikorrenti kontra l-konvenuti inġunti minn issa in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 564/2024MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-2 ta' Ottubru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Pedro Caesar, Andalusia, Triq l-Iskola, In-Naxxar

Jesmar Scicluna, 96, Haven, Flat 1, Triq l-Orsolini, Tal-Pietà

Elton John Caruana, 74 Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra

Roderic Tanti, Churchill Court B, Flat 27, Triq il-Ġibjun, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs including those of the judicial letter filed by the applicant against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application number 564/2024MH in the names mentioned above is postponed to the 2nd October, 2026, fid-9.30 a.m.

Notification: Pedro Caesar, Andalusia, Triq l-Iskola, Naxxar

Jesmar Scicluna, 96 Haven, Flat 1, Triq l-Orsolini, Tal-Pietà

Elton John Caruana, 74, Dawret ix-Xatt, Xghajra

Roderic Tanti, Churchill Court B, Flat 27, Triq il-Ġibjun, San Ġwann

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2293

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' April, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1292/2025AD, fl-ismijiet: Kim Zahra vs Gasan Mamo Insurance Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kim Zahra (ID 85903L) vs Gasan Mamo Insurance Limited et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Diċembru, 2025, l-esponenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li sofriet danni fil-vettura tagħha bin-numru ECH579 u danni oħra relatati bħala riżultat tal-inċidenti li seħħ fl-20 ta' Settembru 2025;

2. Tiddikjara illi d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti ġew ikkawżati mill-intimat Moetaz Boudhief;

3. Tiddikjara illi l-kumpanija assikuratriċi intimata hija solidalment responsabbli għall-ħlas ta' dawn id-danni kkaġunati mill-intimat;

4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;

5. Tikkundanna lill-intimati t-tnejn solidalment bejniethom sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-kumpens lilha;

6. Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk ekstraġudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th April, 2026, in the records of the Sworn Application number 1292/2025AD, in the names: Kim Zahra vs Gasan Mamo Insurance Limited et, the following publication was ordered in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Kim Zahra (ID 85903L) vs Gasan Mamo Insurance Limited et filed in the Civil Court, First Hall, on the 18th December, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that she has suffered damage to its vehicle with number ECH579 and other related damage as a result of the accidents which occurred on 20 September 2025;

2. Declare that all the damages suffered by the applicants were caused by the respondent Moetaz Boudhief;

3. Declare that the respondent insurance company is in solidum responsible for the payment of these damages caused by the respondent;

4. Liquidate all the damages suffered by the applicant;

5. Condemn the respondents both in solidum between them to pay the applicant the compensation to her;

6. Condemn the respondents or either of whom to pay all the costs of the cause and the extra judicial expenses incurred by the applicants.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1292/2025AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq differit għall-24 ta' Settembru, 2026, fl-10.10 a.m.

Notifika: Moetaz Boudhief (487801A), 14, Flat 11, Triq ix-Xnejnu Abjad, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application number 1292/2025AD in the names mentioned above is postponed to the 24th September, 2026, at 10.10 a.m.

Notification: Moetaz Boudhief (487801A), 14, Flat 11, Triq ix-Xnejnu Abjad, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 3rd September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2294

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Awwissu, 2026, fuq rikors ta' Philip Camilleri (KI 237657M) et ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, l-1 ta' Diċembru, 2026, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Maisonette bl-isem 'Madonna ta' Pompei' fi Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa, li jinsab fl-ewwel sular tal-blokka, mingħajr l-arja tiegħu, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech datat l-erbgħa u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u tmienja (24.4.2008) u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u tletin elf ewro (€235,000).

L-imsemmi maisonette huwa proprjetà ta' f'sehem 1/7 flimkien lil Philip Camilleri (KI 237657M), Mary Grace Zammit (KI 86749M), Diana Pamford (passport Malti numru 763360), Emanuela Portelli (KI 145651M), Anthony Camilleri (KI 535147M), Mary Rose Attard (KI 204363M) u f'sehem ta' 1/7 flimkien lil Doris Camilleri u Glenn Paul Camilleri (KI 149280M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 27/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th August, 2026, on the application of Philip Camilleri (ID 237657M) et, Tuesday, 1st December, 2026, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room numru 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Maisonette named 'Madonna ta' Pompei' in Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa, which is situated on the first floor of the block, without its airspace, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and this as better described in the acts of Notary Ritienne Bugeja Fench dated the twenty fourth of April of the year two thousand and eight (24.4.2008) and valued at two hundred and thirty-five thousand euro (€235,000).

The said tenement is the property in 1/7 share together by Philip Camilleri (ID 237657M), Mary Grace Zammit (ID 86749M), Diana Pamford (Maltese passport number 763360), Emanuela Portelli (ID 145651M), Anthony Camilleri (ID 35147M), Mary Rose Attard (ID 204363M) and in a share of 1/7 together to Doris Camilleri and Glenn Paul Camilleri (ID 149280M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 27/2023.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 3rd September, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju, 2026, fl-atti tal-protest numru 64/2026, fl-ismijiet Maggie Marian Borg Cardona vs Terence Agius Tan, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Terence Agius Tan.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 20 ta' Frar, 2026

Maggie Marian Borg Cardona (KI 331181M) vs Terence Agius Tan (KI 0361171M)

Protest Ġudizzjarju tal-protestanta Maggie Marian Borg Cardona (KI 331181M):

Tesponi bir-rispett:

Illi l-Protestanta hija kompropriejtarja, flimkien mal-Protestat, tal-bejt u l-arja tal-blokk bl-isem 'Oleander', bin-numru uffiċjali tnejn u għoxrin (22), fi Triq l-Ilqugħ, Is-Swieqi;

Illi l-Protestat għadda sabiex ingombra l-istess bejt surriferit b'diversi oġġetti u mbarazz ieħor, inkluż iżda mhux limitat materjal ta' kostruzzjoni, carpet turf, pjanti, għamara, u ħafna oġġetti oħrajn, b'tali mod li okkupa l-bejt kollu, u dan kollu mingħajr ebda kunsens tal-Protestanta bħala kompropriejtarja tal-istess bejt u mingħajr ebda dritt fil-liġi;

Illi inoltre, il-Protestat esegwixxa tibdil strutturali fl-appartament residenzjali tiegħu li jinsab sottostanti l-istess bejt fuq imsemmi, liema tibdil huwa konsistenti, fost oħrajn, minn tneħħija ta' arkati, u dan kollu mingħajr ma' tali sapport għall-bejt, li dawn l-arkati kienu qed joffru, ġie kumpensat bi strutturi idonei oħra;

Illi l-aġir fuq imsemmi tal-Protestat – sija l-ingombru b'diversi affarijiet u mbarazz li poġġa fuq l-istess bejt u anke t-tibdil strutturali fl-appartament tiegħu sottostanti l-istess bejt kif fuq deskritt, filwaqt li huwa b'leżjoni tad-drittijiet kompropriejtarji tal-Protestanta, jista' wkoll jikkawża ħsarat, danni varji u jaffettwa b'mod serju s-saħħa u s-sigurtà tal-istess bejt, u konsegwentement jista' jikkawża danni inġenti lill-Protestanta u/jew lil terzi;

Għaldaqstant, il-protestanta qed iġġib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u tal-protestat il-fatti

By means of a decree of the 15th July, 2026, in the records of the protest number 64/2026, in the names Maggie Marian Borg Cardona vs Terence Agius Tan, the First Hall Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 on Terence Agius Tan.

In the First Hall Civil Court

Today 20th February, 2026

Maggie Marian Borg Cardona (ID 331181M) vs Terence Agius Tan (ID 0361171M)

Judicial protest of the protesting party Maggie Marian Borg Cardona (ID 331181M):

Respectfully pleads:

That the applicant is the co-owner, together with the respondent, of the roof and airspace of the block named 'Oleander', officially numbered twenty two (22), in Triq L-Ilqugħ, Swieqi;

That the respondent blocked the same roof above mentioned with various objects and other items, including but not limited to construction material, carpet turf, plants, furniture, and many other objects, in such a manner that he occupied the whole roof, and all this without the consent of the applicant as co-owner of the same roof and without any right at law;

That furthermore, the respondent executed structural changes in his residential apartment underlying the same roof above mentioned, which changes consist of, amongst others, the removal of arches, and all this without providing an alternative support to the roof, which support these arches were providing;

That the above mentioned actions of the respondent, namely the obstruction with various things and items which he put on the same roof and also the structural changes in his apartment underlying the same roof as above described, whilst being in violation of the co-ownership rights of the applicant, can also cause damages and seriously affect the solidity and safety of the same roof, and consequently may cause significant damage to applicant and/or third parties;

Thus, the applicant is bringing to the formal notice of this Honourable Court and of the respondent the facts above

fuq esposti, u filwaqt li tipprotesta ruħha kontra l-Protestat u tqiegħdu in colpa, dolo et moro għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u żżommu unikament responsabbli għad-danni kollha li qed issofri b'leżjoni tad-drittijiet proprjetarji tagħha u dawk li jistgħu jiġu kkaġunati lilha u/jew li għalihom tista' tiġi mġiegħla tagħmel tajjeb versu terzi minħabba l-azzjonijiet tiegħu, tinterpellah sabiex:

i. Ineħħi u jirrimwovi, a spejjeż tiegħu, kwalunkwe oġġetti u mbarazz li huwa, mingħajr ebda dritt u mingħajr ebda kunsens tal-Protestanta, poġġa u għad għandu fuq il-bejt surriferit, u jgħaddi għat-tindif tal-istess bejt, fejn neċessarju, u tiswijiet neċessarji jekk dawn jirriżultaw meħtieġa;

ii. Jgħaddi sabiex jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji, a spejjeż tiegħu, sabiex is-saħħa strutturali preċedenti li kellu l-bejt permezz tal-arkati minnu mneħħija fi proprjetà tiegħu, tiġi ripprestinata u ekwivalentament idonea għall-bejt in kwistjoni u s-saħħa li l-istess bejt kellu qabel tali modifiki strutturali fl-istess appartament;

Fin-nuqqas daparti tal-protestat, li jottemperaw ruħu ma' dak fuq premess u kif interpellat, il-Protestanta tirriserva d-dritt li tieħu dawk il-passi ulterjuri spettanti lilha skont il-liġi.

Dan l-att qiegħed isir ai termini tal-liġi u senjatament u mhux limitatament ai finijiet tal-Artikolu 889 tal-Kap. 12 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Protestanta: Maggie Marian Borg Cardona, 201, Triq Peddialwett, Is-Swieqi, Il-Madliena

Protestati: Terence Agius Tan, Oleander, 22, Flat 2, Triq l-Ilqugħ, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

mentioned, and whilst putting the respondent on notice for all intents and purposes of law and hold him solely responsible for all the damages she is suffering by a violation of her property rights and those which can be caused to her and/or for which she can be forced to make good towards third parties due to his actions, calls upon him to:

i. Remove, at his own expense, any objects and items which he, without any right and without any consent of the applicant, placed and still has on the roof above mentioned, and proceed to the cleaning of the same roof, where necessary, and carry out the necessary repairs if these prove necessary;

ii. Proceed to carry out the necessary works, at his own expense, so that the previous structural strength of the roof by means of the arches removed from his property, is restored to an equivalent solution to what there was befind the removal to ensure that the roof regains the same solidity and strength which it had prior to such structural modifications in the same apartment;

In default on the part of the respondent to abide with that above premised and as called upon, the applicant reserves the right to take the further steps due to her according to law.

This act is being made in terms of Law and especially and not limitedly for the purposes of Article 889 of Cap. 12 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Applicant: Maggie Marian Borg Cardona, 201, Triq Peddialwett, Swieqi, Madliena

Respondent: Terence Agius Tan, Oleander, 22, Flat 2, Triq l-Ilqugħ, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 4th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2296

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 711/2026, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2026, and upon an application numbered 711/2026, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 1538/1998 sabiex kunjom Alessia Mifsud jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Mifsud' għal 'Mifsud Bason'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth number 1538/1998 so that the surname of Alessia Mifsud is amended by annotation from 'Mifsud' to 'Mifsud Bason'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 3rd September, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2297

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 691/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 1271/2017 sabiex isem il-minuri jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Roman Evgenievich' għal 'Roman'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2026, and upon an application numbered 691/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth number 1271/2017 so that the name of the minor is changed by annotation from 'Roman Evgenievich' to 'Roman'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 3rd September, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2298

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 692/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 96/2022 sabiex isem il-minuri jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Sophia Evgenievna' għal 'Sophia'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2026, and upon an application numbered 692/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth number 96/2022 so that the name of the minor is changed by annotation from 'Sophia Evgenievna' to 'Sophia'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 3rd September, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2299

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 693/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 6170/2019 sabiex isem il-minuri jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Ilya Evgenievich' għal 'Ilya'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2026, and upon an application numbered 693/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth number 6170/2019 so that the name of the minor is changed by annotation from 'Ilya Evgenievich' to 'Ilya'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 3rd September, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2300

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 694/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 1272/2017 sabiex isem il-minuri jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Matvey Evgenievich' għal 'Matvey'

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2026, and upon an application numbered 694/2026, ordered:

